

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 19.11.2010
KUMM(2010) 681 finali

2010/0331 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni huma meħtieġa għal prodotti li l-produzzjoni tagħhom ma tlaħħaqx mal-ħtiġijiet tal-industriji li jagħmlu użu minnhom fl-Unjoni għall-perjodu tal-kwota attwali. Bi tweġiba għat-talbiet minn diversi Stati Membri, il-Kummissjoni flimkien mal-esperti tal-gvernijiet ikkonċernati, ikkunsidrat jekk għandhomx jinfetħu kwoti ta' tariffi awtonomi għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali.

Fit-22 ta' Diċembru 2009 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2505/96 sabiex id-domanda fl-Unjoni għall-prodotti kkonċernati tkun tista' tiġi sodisfatta fl-aqwa kundizzjonijiet possibbli.

Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għandhom jinfetħu b'rata zero jew b'rati mnaqqsa tat-Tariffa Doganali Komuni għal volumi xierqa, mingħajr ma jfixxlu s-swieq għal prodotti bħal dawn. Id-diskussjonijiet li saru fil-laqgħat tal-Grupp Ekonomiku dwar il-Kwistjonijiet Tariffarji, urew li l-Istati Membri kienu diġà lesti li jiftu kwoti għall-prodotti koperti bil-proposta għal Regolament, mingħajr ma jifixxlu s-swieq ta' prodotti bħal dawn.

Il-proposta hija konformi mal-politiki tal-agrikoltura, tal-kummerċ, tal-impriżi, għall-iżvilupp u tar-relazzjonijiet esterni. B'mod speċjali, din il-proposta mhijiex se tkun ta' żvantaġġ għal pajjiżi li qegħdin jibbenefikaw minn ftehim ta' kummerċ preferenzjali mal-UE (pereżempju l-GSP, is-sistema tal-AKP, il-pajjiżi kandidati u dawk il-kandidati potenzjali fil-Balkani tal-Punent).

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-EVALWAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Grupp Ekonomiku dwar il-Kwistjonijiet Tariffarji li jirrappreżenta l-industriji ta' kull Stat Membru ġie kkonsultat. Il-kwoti elenkati kollha jirriflettu l-ftehim li ntlaħaq mill-Grupp.

Ma ssemmewx ir-riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irriversibbli.

Il-proposta se ssegwi proċedura ta' konsultazzjoni fost is-servizzi u se tiġi ppubblikata wara l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Emenda ta' Regolament tal-Kunsill li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali fuq il-bażi legali tal-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Permezz ta' dan l-Artikolu l-kwoti tariffarji awtonomi huma stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi fuq maġġoranza kkwalifikata fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

Dan is-sett ta' miżuri huwa konformi mal-prinċipji għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-operaturi li qegħdin jaħdmu f'kummerċ barrani u mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1998 dwar is-sospensjonijiet tat-tariffi awtonomi u tal-kwoti (C 128, 25.4.1998, p. 2).

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Dazji doganali li ma nġabrux li jammontaw għal total ta' EUR 9 422 228

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Kummissjoni Ewropea¹,

Billi:

- (1) Sabiex ikun żgurat fornimenti suffiċjenti u bla waqfien ta' ċerti prodotti li l-produzzjoni tagħhom mhijiex suffiċjenti fl-Unjoni u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fis-suq għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, infetħu kwoti tariffarji awtonomi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 7/2010². Prodotti fil-limitu ta' dawk il-kwoti tariffarji jistgħu jkunu impurtati b'rati tad-dazju mnaqqa jew nulli. Għall-istess raġunijiet huwa neċessarju li tinfetħ, b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, għal ċerti prodotti, kwota tariffarja ġdida b'rata ta' dazju żero għal volum xieraq.
- (2) Il-volum tal-kwota għal kwoti tariffarji awtonomi bin-numri tal-ordnijiet 09.2977 u 09.2635 huma suffiċjenti biex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-industrija tal-Unjoni għall-perjodu kurrenti tal-kwota li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2010. Konsegwentament, dawk il-volumi tal-kwota għandhom jiżdiedu b'effett mill-1 ta' Lulju 2010.
- (3) Ma għadux fl-interess tal-Unjoni li fl-2011 tkompli tagħti kwoti tariffarji għal ċerti prodotti li għalihom kienu stabbiliti tali kwoti fl-2010. Għalhekk, dawk il-kwoti għandhom jingħalqu b'effett mill-1 ta' Jannar 2011 u l-prodotti korrispondenti għandhom jitneħħew mil-lista fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 7/2010.
- (4) Fid-dawl tal-bosta bidliet li għandhom isiru, minħabba ċarezza, jeħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 7/10 jinbidel kollu kemm hu.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 7/2010 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (6) Peress li l-kwoti ta' tariffi għandhom jieħdu effett mill-1 ta' Jannar 2011, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u jidħol fis-seħħ immedjatament,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU L 3, 7.1.2010,p. 1.

DAĦĦAL IN-NOTA TA' QIGH IL-PAĠNA SEGWENTI FIR-RAPPORT FINANZJARJU

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 7/2010 hu ssostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Lulju 2010, fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 7/2010:

- il-volum tal-kwota tal-kwota tariffarja għan-numru tal-ordni 09.2977 huwa ffissat għal 40 000 tunnellata,
- il-volum tal-kwota tal-kwota tariffarja għan-numru tal-ordni 09.2635 huwa ffissat għal 1 300 000 km,

Artikolu 3

B'effett mill-1 ta' Jannar 2011, fl-Anness mar-Regolament (UE) Nru 7/2010 jiddaħħlu r-ringieli għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordnijiet 09.2638, 09.2639, 09.2640, 09.2941, 09.2642 u 09.2643.

Artikolu 4

B'effett mill-1 ta' Jannar 2011, fl-Anness mar-Regolament (UE) Nru 7/2010 għandhom jitħassru r-ringieli għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordnijiet 09.2002, 09.2604, 09.2611, 09.2807 u 09.2914.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Madankollu, l-Artikolu 2 għandu japplika mit-1 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

"ANNEX

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
09.2849	ex 0710 80 69	10	Faqqiegħ tal-ispeċi Auricularia polytricha (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-tgħollija), iffriżat, għall-produzzjoni tal-ikliet ippreparati minn qabel (1) (2)	1.1.-31.12.	700 tunnellata	0 %
09.2913	ex 2401 10 35 ex 2401 10 70 ex 2401 10 95 ex 2401 10 95 ex 2401 10 95 ex 2401 20 35 ex 2401 20 70 ex 2401 20 95 ex 2401 20 95 ex 2401 20 95	91 10 11 21 91 91 10 11 21 91	Tabakk naturali mhux ipproċessat, kemm jekk imqatta' f'daqgħ regolari, kif ukoll jekk le, b'valur doganali ta' mhux inqas minn EUR 450 għal kull 100 kg piż nett, għall-użu bħala legatur jew imballaġġ għall-manifattura ta' oġġetti li jaqgħu taħt is-subintestatura 2402 10 00 (1)	1.1.-31.12.	6 000 tunnellata	0 %
09.2841	ex 2712 90 99	10	Taħlita ta' alkeni-1 li fihom 80 % tal-piż jew iktar tal-alkeni-1 b'tul ta' katina ta' 20 u 22 atomu tal-karbonju	1.1.-31.12.	10 000 tunnellata	0 %
09.2703	ex 2825 30 00	10	Ossidi u idrossidi tal-vanadju esklussivament għall-użu fil-liġi (1)	1.1.-31.12.	13 000 tunnellata	0 %
09.2806	ex 2825 90 40	30	Triossidu tat-tungstenu, li jinkludi ossidu tat-tungstenu blu	1.1.-31.12.	12 000 tunnellata	0 %
09.2837	ex 2903 49 80	10	Bromoklorometan (bromochloromethane)	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %
09.2933	ex 2903 69 90	30	1,3-Dichlorobenzene	1.1.-31.12.	2 600 tunnellata	0 %
09.2950	ex 2905 59 98	10	2-Kloroetanol, għall-manifattura ta' tijoplasti likwidi tas-subintestatura 4002 99 90 (1)	1.1.-31.12.	15 000 tunnellata	0 %
09.2851	ex 2907 12 00	10	O-Kresol b'purità ta' mhux inqas minn 98.5 % skont il-piż	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %

09.2767	ex 2910 90 00	80	Allyl glycidyl ether	1.1.- 31.12.	2 500 tunnellata	0 %
09.2624	2912 42 00		Etilvanillin (3-ethoxy-4-hydroxybezaldehyde)	1.1.- 31.12.	600 tunnellata	0 %
*09.2638	2915 21 00	10	Ācidu āceticu b'puritā bil-piż ta' 99% jew aktar	1.1.- 31.12.	500 000 tunnellata	0 %
09.2972	2915 24 00		Anidride āceticu	1.1.- 31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2769	ex 2917 13 90	10	Sebakat tad-dimentil	1.1.- 31.12.	1 300 tunnellata	0 %
09.2634	ex 2917 19 90	40	Ācidu dodekanedjojku, ta' purezza b'piż ta' aktar minn 98,5 %	1.1.- 31.12.	4 600 tunnellata	0 %
09.2808	ex 2918 22 00	10	Ācidu o-ācetilsaliċiliku	1.1.- 31.12.	120 tunnellata	0 %
09.2975	ex 2918 30 00	10	Benzophenone-3,3':4.4'-tetracarboxylic dianhydride	1.1.- 31.12.	1 000 tunnellata	0 %
09.2632	ex 2921 22 00	10	Hexamethylenediamine	1.1.- 31.12.	35 000 tunnellata	0 %
09.2602	ex 2921 51 19	10	o-Fenilendiammina	1.1.- 31.12.	1 800 tunnellata	0 %
09.2977	2926 10 00		Acrylonitrile	1.1.- 31.12.	30 000 tunnellata	0 %
09.2917	ex 2930 90 13	90	Ċistina	1.1.- 31.12.	600 tunnellata	0 %
09.2603	ex 2930 90 99	79	Bis(3-trietossisililpropil)tetrasulfid	1.1.- 31.12.	9 000 tunnellata	0 %
09.2810	2932 11 00		Oħrajn	1.1.- 31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2955	ex 2932 19 00	60	Flurtamon (ISO)	1.1.- 31.12.	300 tunnellata	0 %
09.2812	ex 2932 29 85	77	Eża-6-olid	1.1.- 31.12.	4 000 tunnellata	0 %

09.2615	ex 2934 99 90	70	Aċidu ribonuklejku	1.1.- 31.12.	110 tunnellata	0 %
09.2945	ex 2940 00 00	20	D-Ksilożju	1.1.- 31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2908	ex 3804 00 00	10	Linjosulfonat tas-sodju	1.1.- 31.12.	40 000 tunnellata	0 %
09.2889	3805 10 90		Terpentina tas-sulfat	1.1.- 31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2935	ex 3806 10 00	10	Rożin u aċidi tar-reżin miksuba minn oleoreżini friski	1.1.- 31.12.	280 000 tunnellata	0 %
09.2814	ex 3815 90 90	76	Katalizzatur magħmul mid-dijossidu tat-titanju u t-tijossidu tat-titanju	1.1.- 31.12.	2 200 tunnellata	0 %
09.2829	ex 3824 90 97	19	Estratt solidu ta' materjal residwu li ma jinħallx f'solventi alifatiċi miksuba matul l-estrazzjoni tar-resin mill-injam, li għandu l-karatteristiċi li ġejjin: — kontenut aċiduż ta' reżin li ma jaqbiżx it-30% bil-piż, — numru tal-aċidu li ma jaqbiżx il-110 kif ukoll — punt tat-tidwib ta' 100° C jew aktar	1.1.- 31.12.	1 600 tunnellata	0 %
09.2986	ex 3824 90 97	76	Taħlita ta' amines terzjarji li fihom: — 60 % dodecildimetilammina jew iktar skont il-piż — 20 % dimetil(tetradeċil)ammina jew iktar skont il-piż — 0.5 % jew aktar tal-piż hexadecyldimethylamine, għall-użu fil-produzzjoni ta' ossidi amini (1)	1.1.- 31.12.	14 315 tunnellata	0 %
09.2907	ex 3824 90 97	86	Taħlita ta' fitosteroli, fi trab, li fihom, bil-piż: — 75 % jew iktar sterols, — mhux aktar minn 25 % ta' stanoli, għal użu fil-manifattura tal-istanoli/steroli jew stanoli/steroli esters (1)	1.1.- 31.12.	2 500 tunnellata	0 %
09.2140	ex 3824 90 97	98	Taħlita ta' amines terzjarji li fihom, skont il-piż: — 2.0-4.0 % ta' N,N-dimetil-1-ottanammina — minimu ta' 94 % ta' N,N-dimetil-1-dekanammina	1.1.- 31.12.	4 500 tunnellata	0 %

			— massimu ta' 2 % ta' N,N-dimetil-1-dodekanamina			
09.2992	ex 3902 30 00	93	Kopolimer tal-propilen-butilen, li fih 60 % jew iktar skont il-piż imma mhux iktar minn 68 % ta' propilen u 32 % jew iktar imma mhux iktar minn 40 % ta' butilen, b'viskożità tat-tidwib mhux ogħla minn 3 000 mPa f'190 °C, kif iddeterminat bil-metodu ASTM D 3236, għall-użu bħala adeżiv fil-produzzjoni ta' prodotti li jaqgħu taħt is-subintestatura 4818 40 (1)	1.1.- 31.12.	1 000 tunnellata	0 %
*09.2947	ex 3904 69 80	95	Poly(vinylidene fluoride), fil-forma ta' trab, għall-preparazzjoni ta' żebgħa jew verniċ għall-kisi tal-metall (1)	1.1.- 31.12.	1 300 tunnellata	0 %
*09.2639	3905 30 00		Poli(alkoħol tal-vinil)	1.1.- 31.12.	18 000 tunnellata	0 %
*09.2640	ex 3905 99 90	91	Poli (butiral tal-vinyl)	1.1.- 31.12.	8 000 tunnellata	0 %
09.2616	ex 3910 00 00	30	Polidimetilsilossan b'livell ta' polimerizzazzjoni ta' 2800 unità ta' monomeri (± 100)	1.1.- 31.12.	1 300 tunnellata	0 %
*09.2816	ex 3912 11 00	20	Frak tal-aċetat taċ-ċellulożju	1.1.- 31.12.	58 500 tunnellata	0 %
*09.2641	ex 3913 90 00	87	Jaluronat tas-sodju, mhux sterili, b': — piż molekulari medju (M_w) ta' mhux iktar minn 900 000, — livell ta' endotossin ta' mhux iktar minn 0,008 unita ta' endotossin (EU)/mg, — kontenut ta' ethanol ta' mhux iktar minn 1 % skont il-piż, — kontenut ta' isopropanol ta' mhux iktar minn 0.5 % skont il-piż	1.1.- 31.12.	200 kg	0 %
09.2813	ex 3920 91 00	94	Film ta' poli(vinyl butyral) ko-estruż bi tliet saffi mingħajr faxx bil-kuluri li jifsumaw b'kontenut ta' 2,2'-ethylenedioxydiethyl bis(2-ethylhexanoate) b'perċentwali ta' 29% tal-piż iżda li ma jaqbiżx 31%, li jintuża bħala plastifikant.	1.1.- 31.12.	2 000 000 m ²	0 %
09.2818	ex 6902 90 00	10	Briks li jirreżistu s-sħana: — tul tat-tarf ta' iktar minn 300mm u — kontenut ta' TiO ₂ ta' mhux iktar minn 1 % skont il-piż u — kontenut ta' Al ₂ O ₃ ta' mhux iktar minn 0.4 % skont il-piż u — bidla fil-volum ta' inqas minn 9 % f'1700° C	1.1.- 31.12.	75 tunnellata	0 %
09.2815	ex 6909 19 00	70	Apparat ta' appoġġ għal katalizzaturi jew filtri, magħmulin minn ċeramiki porużi li huma magħmulin prinċiplament minn ossidi tal-aluminju u tat-titanju; li għandhom volum totali ta' mhux iżjed minn 65 litru u minn tal-inqas fetħa (miftuħa fuq naħa waħda jew fuq iż-	1.1.- 31.12.	380 000 unita	0 %

			żewġ naħat) għal kull cm ² ta' sezzjoni			
09.2628	ex 7019 52 00	10	Xibka tal-ħġieġ minsuġa minn fibri tal-ħġieġ miksija bil-plastik, b'piż ta' 120 gm/m ² (±10 gm/m ²), ta' tip li jintuża fl-iskrins ta' kontra-nemus, li għandhom qafas fiss u li jistgħu jitgerrbu	1.1.- 31.12.	350 000 m ²	0 %
09.2799	ex 7202 49 90	10	Ferro-kromju li fih 1.5% jew iktar imma mhux iktar minn 4% ta' karbonju skont il-piż u mhux iktar minn 70 % ta' kromju	1.1.- 31.12.	50 000 tunnellata	0 %
09.2629	ex 7616 99 90	85	Manku teleskopiku tal-aluminju għall-użu fil-manifattura tal-bagalji (1)	1.1.- 31.12.	240 000 unità	0 %
*09.2636	ex 8411 82 80	20	Magni industrijali aeroderivattivi bit-turbini tal-gass tal-64 MW, biex jiġu inkorporati f'settijiet għall-ġenerazzjoni tal-enerġija għal bżonnijiet ta' li jilħqu l-quċċata/ħtieġa medja li joperaw għal anqas minn 5 500 siegħa fis-sena u b'effiċjenza taċ-ċiklu sempliċi ta' aktar minn 40 %	1.1.- 31.12.	10 unitajiet	0 %
09.2763	ex 8501 40 80	30	Mutur kommutatur elettriku AC, monofaзи, b'rendiment ta' iktar minn 750 W, u b'qawwa tal-input ta' iktar minn 1 600W imma mhux iktar minn 2 700W, dijametru estern ta' iktar minn 120 mm (±0,2 mm) imma mhux iktar minn 135 mm (±0,2 mm), b'rata ta' veloċità ta' iktar minn 30 000 rpm imma mhux iktar minn 50 000 rpm, mgħammar b'ventilatur għall-ajra, għall-użu fil-produzzjoni tal-vacuum cleaners (1)	1.1.- 31.12.	2 000 000 unità	0 %
*ex 09.2642	8501 40 80	40	Assemblaġġ, li jikkonsisti f' — mutur kommutatur elettriku AC, monofaзи, b'rendiment ta' 480 W jew aktar, iżda mhux aktar minn 1 400 W, u saħħa tal-input ta' aktar minn 900 W imma mhux aktar minn 1 600 W, dijametru estern ta' aktar minn 119,8 mm imma mhux aktar minn 135,2 mm u b'veloċità ratata ta' aktar minn 30 000 rpm imma mhux aktar minn 50 000 rpm, u — ventilatur għall-ajra, għall-użu fil-produzzjoni tal-vacuum cleaners (1)	1.1.- 31.12.	120 000 unità	0 %
*09.2633	ex 8504 40 82	20	Adapter tal-elettriku, b'kapaċità ta' mhux aktar minn 1 kVA, biex jintuża fil-manifattura ta' apparat li jneħħi x-xagħar (1)	1.1.- 31.12.	4 500 000 unità	0 %
*09.2643	ex 8504 40 82	30	Bords għall-provvista tal-enerġija għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti li jaqgħu taħt l-intestatura 8521 u 8528 (1)	1.1.- 31.12.	1 038 000 unità	0 %
09.2620	ex 8526 91 20	20	Muntaġġ għal sistema tal-GPS b'funzjoni ta' determinazzjoni tal-pożizzjoni	1.1.- 31.12.	3 000 000 unità	0 %
09.2003	ex 8543 70 90	63	Ġeneratur tal-frekwenzi kkontrollat bil-vultaġġ, li jikkonsisti f'elementi attivi u passivi mmuntati fuq ċirkwit stampat, miżmum f'qafas b'dimensjonijiet esterni ta' mhux iktar minn 30 x 30 mm	1.1.- 31.12.	1 400 000 unità	0 %
*09.2635	ex 9001 10 90	20	Fibri ottiċi għall-manifattura tal-kejbils magħmulin mill-fibri tal-ħġieġ taħt l-intestatura 8544 (1)	1.1.- 31.12.	2 600 000 km	0 %

09.2631	ex 9001 90 00	80	Lentijiet tal-ħġieġ mhux immuntati, priżmi u elementi mgħaqda għall-użu fil-produzzjoni ta' oġġetti bil-kodiċijiet tan-NM 9005, 9013 u 9015 (1)	1.1.- 31.12.	5 000 000 unità	0 %
---------	---------------	----	---	-----------------	--------------------	-----

(1) Il-ħelsien minn dazji tad-dwana għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni bil-ħsieb ta' kontroll tad-dwana tal-użu ta' oġġetti bħal dawn (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11. 10. 1993, p. 1)).

(2) Madankollu, il-miżura ma titħalliex titwettaq meta l-ipproċessar isir mill-impriżi tal-catering jew li jbiegħu bl-imnut.

* Pożizzjoni ġdida jew emendata

"

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUSSIVAMENT RISTRETT GĦAD-
DĦUL**

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprova għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

2. LINJI BAĠITARJI

Il-Kapitolu u l-Artikolu: Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont li ddaħħal fil-baġit għas-sena 2010: **EUR 14 079 700 000**

Ammont li ddaħħal fil-baġit għas-sena 2011: **EUR 14 079 700 000 (AB 2011)**

3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(EUR miljun sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja	Dħul ³	Perjodu ta' 6 xhur, li jibda mill-01/07/2010	[2011]
Artikolu 120	<i>L-impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	- 0.2	- 9.2

³ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali) l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-ispejjeż tal-ġbir

ANNEX I

Effettiv minn 1. 7.2010:

Kwoti tariffarji msemija fl-Artikolu 2

Deskrizzjoni tal-prodott	Ammont tal-kwota (unità/tunnellati)	Estimu tal-prezz (€ għal kull t, km)	Dazju (%) (2011 CCT)	Dazju tal-kwota (%)	Telf mistenni ta' dħul (f'€)
ACN 09.2977	+ 10 000 tunnellata (ammont inizjali: 30 000 tunnellata)	900	2.9	0	261 000
Fibri ottiċi 09.2635	+150 000 km (ammont inizjali: 1 150 000 km)	6.66	2.9	0	28 971

Total tat-telf ta' dħul:
(EUR 289 971 – EUR 72 493) = EUR 217 478 nett.

ANNEX II

Effettiv minn 1. 1.2011:

Kwoti tariffarji msemija fl-Artikolu 3

Deskrizzjoni tal-prodott	Varjazzjoni fl-ammont tal-kwota (tunnellati/g)	Estimu tal-prezz (€ għal kull tunnellata/kg/ unità)	Dazju (%) (2011 CCT)	Dazju tal-kwota (%)	Varjazzjoni mistennija f'telf fuq id-dħul meta mqabbla mal-perjodu ta' kwota ta' qabel (f'€)
09.2638 Aċidu aċetiku	+ 500 tunnellata (ammont inizjali: 0 tunnellata)	260 000 €/t	5.5	0	7 150 000
09.2639 Alkoħol	+ 18 000 tunnellata (ammont inizjali: 0 tunnellata)	1 825 €/t	6.5	0	2 135 250
09.2640 Butiral	+ 500 tunnellata (ammont inizjali: 0 tunnellata)	3 580 €/t	6.5	0	116 350
09.2641 Jaluronat	200 kg (ammont inizjali: 0 tunnellata)	173 081 €/kg	6.5	0	2 250 053
09.2642 Assemblea	+ 120 000 u (ammont inizjali: 0 u)	6.76 €/u	2.7	0	21 902
09.2643 Il-Bord	+ 1 038 000 u (ammont inizjali: 0 u)	17.50 €/u	3.3	0	599 445

Total tat-telf ta' dħul meta mqabbel mal-perjodu tal-kwota preċedenti:
(€ 12 273 000 – € 3 068 250) = € 9 204 750 nett.

4. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI

Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji jinkludu l-miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet u għall-ħarsien minnhom.

5. RIMARKI OĦRA